



Brussell, 5 ta' Ġunju 2018
(OR. en)

9717/18

ENFOPOL 299
FREMP 92

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	4 ta' Ġunju 2018
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 8972/18 + COR 1	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-titjib tal-kooperazzjoni tal-pulizija fil-ġlieda kontra l-vjolenza domestika inkluża l-vjolenza fuq in-nisa - Konklużjonijiet tal-Kunsill (4 ta' Ġunju 2018)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-titjib tal-kooperazzjoni tal-pulizija fil-ġlieda kontra l-vjolenza domestika inkluża l-vjolenza fuq in-nisa, adottati mill-Kunsill fit-3622 laqgħa tiegħu li saret fl-4 ta' Ġunju 2018.

Konklużjonijiet tal-Kunsill

dwar it-titjib tal-kooperazzjoni tal-pulizija fil-ġlieda kontra l-vjolenza domestika inkluża l-vjolenza fuq in-nisa

FILWAQT LI JQIS LI:

1. L-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jafferma li l-Unjoni hi msejsa fuq il-valuri tar-rispett lejn id-dinjità tal-bniedem, l-ugwaljanza u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, u li dawn il-valuri huma valuri komuni tal-membri ta' soċjetà kkaratterizzata mill-pluraliżmu, in-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel.
2. L-Artikolu 8 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jissottolinja li fl-attivitajiet kollha tagħha l-Unjoni ser tagħmel sforzi biex telimina l-inugwaljanza u biex thegġegħ l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa; u d-Dikjarazzjoni 19 dwar l-Artikolu 8 tiddikjara li, fil-qafas tal-isforzi globali biex jiġu eliminati l-inugwaljanzi bejn in-nisa u l-irġiel, l-Unjoni ser taħdem biex tiġġieled kull forma ta' vjolenza domestika fil-politiki differenti tagħha, u l-Istati Membri ser jieħdu l-miżuri meħtieġa kollha sabiex iwaqqfu u jikkastigaw dawn l-atti kriminali, kif ukoll biex jappoġġaw u jħarsu lill-vittmi.
3. Diġà jinsabu fis-seħħ għadd ta' strumenti leġislattivi tal-UE li jikkontribwixxu għall-eliminazzjoni tal-vjolenza sessista u jiżguraw li l-vittmi tal-vjolenza domestika jirċievu ħarsien u appoġġ, b'mod speċjali d-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi¹ u l-istrumenti ta' rikonoxximent reċiproku ta' ordnijiet ta' ħarsien².

¹ Direttiva 2012/29/UE

² Direttiva 2011/99/UE u Regolament 606/2013/UE

4. Fil-11 ta' Mejju 2017, il-Kunsill adotta żewġ deċiżjonijiet dwar l-iffirmar tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul), li diġà ġiet iffirmata mill-Istati Membri kollha.
5. Fl-2012, il-Kunsill adotta l-Konklużjonijiet tiegħu dwar il-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa, u l-Proviżjoni ta' Servizzi ta' Appoġġ għall-Vittmi tal-Vjolenza Domestika³ u, fl-2014, il-Kunsill adotta l-Konklużjonijiet tiegħu dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra kull forma ta' vjolenza fuq in-nisa u l-bniet, fosthom il-mutilazzjoni ġenitali femminili⁴.
6. Il-vjolenza fuq in-nisa tikkostitwixxi ksur tal-aċċess tan-nisa għad-drittijiet u l-libertajiet tal-bniedem. Din hi eżempju ta' diskriminazzjoni kontra n-nisa (jew hi riżultat ta' diskriminazzjoni) u tinvolvi l-atti kollha ta' vjolenza sessista, li jikkawżaw jew li x'aktarx jirriżultaw fi ħsara fiżika, sesswali, psikoloġika jew ekonomika jew tbatija għan-nisa, inkluż theddid ta' atti bħal dawn, ġegħil jew privazzjoni arbitrarja tal-libertà, kemm jekk dan iseħħ fil-ħajja pubblika kif ukoll f'dik privata⁵.
7. Kif imsemmi fil-Konklużjonijiet tal-2012 dwar il-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa, u l-Proviżjoni ta' Servizzi ta' Appoġġ għall-Vittmi tal-Vjolenza Domestika, il-ġlieda u l-eliminazzjoni ta' kull forma ta' vjolenza fuq in-nisa u t-tfal tagħhom li jkunu xhieda tagħha jeħtieġu politiki koordinati, inkluż il-kooperazzjoni tal-pulizija u approċċ komprensiv. Dawn il-politiki għandhom jinkludu wkoll miżuri li jħeġġu lill-vittmi jirrappurtaw inċidenti lill-pulizija, peress li bħalissa mara waħda biss minn kull seba' nisa tirrapporta l-każijiet ta' vjolenza l-aktar serji.⁶

³ 16382/12

⁴ 9543/14

⁵ L-Artikolu 1 tad-Dikjarazzjoni 48/104 tan-NU

⁶ Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) (2014). Violence against women: an EU-wide survey. Main results, Luxembourg, Publications Office.
<http://fra.europa.eu/en/publication/2014/violence-against-women-eu-wide-survey-main-results-report>; Paġna 67, tabella 3.10.

8. Waħda mill-aktar forom komuni ta' vjolenza fuq in-nisa hija l-vjolenza domestika, li tinkludi kull att ta' vjolenza fiżika, sesswali, psikoloġika jew ekonomika li sseħħ fil-familja jew fl-unità domestika jew bejn il-konjuġi jew is-sħab preċedenti jew attwali, kemm jekk min wettaq ir-reat ikunx jgħix jew għex fl-istess residenza mal-vittma kif ukoll jekk le. Il-għbir ta' data komparabbli dwar il-vjolenza domestika hu mxejkel mid-differenzi fit-terminoloġija u d-definizzjonijiet fost l-Istati Membri.
9. F'każijiet ta' vjolenza domestika, il-ħarsien effettiv tal-vittmi kontra l-vittimizazzjoni ripetuta hu bbażat fuq il-premessa li l-awtoritajiet kompetenti jingħataw is-setgħat, skont l-Artikolu 52 tal-Konvenzjoni ta' Istanbul, li jordnaw li min wettaq il-vjolenza domestika jitlaq mir-residenza tal-vittma u li min wettaq ir-reat jiġi pprojbit milli jirritorna, jew milli jersaq lejn il-vittma jew jikkuntattja b'mod ieħor, abbażi ta' miżura ta' protezzjoni nazzjonali jew fil-qafas tal-infurzar ta' miżura ta' ħarsien minn Stat Membru ieħor⁷, applikata skont il-leġislazzjoni nazzjonali tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni. L-oġettiv ta' tali intervent hu li jwaqqaf dak li spiss jissewma bħala ċ-ċiklu ta' vjolenza u li l-vittma tkun tista' tgħix ħielsa mill-biża'. Bl-intervent tagħhom l-awtoritajiet kompetenti jridu juru li l-vjolenza domestika hija kwistjoni pubblika, mhux biss kwistjoni privata, u li min iwettaq t il-vjolenza domestika għandu jinżamm responsabbli u li jrid ibiddel l-imġiba tiegħu, mhux il-vittma. It-trasmissjoni ta' dawn il-messaġġi jgħin ukoll biex iserraħ lill-vittmi mill-ħtija jew il-mistħija li jħossu.
10. Filwaqt li l-intervent tal-pulizija hu orjentat lejn il-ħarsien tad-drittijiet tal-vittma mir-reati, is-setgħat tal-pulizija spiss jiddependu mill-kriminalizzazzjoni ta' tali reati. Għaldaqstant, hu ta' importanza kbira li l-pulizija tkun tista' tistrieħ fuq id-definizzjonijiet tal-liġi kriminali li jkopru l-aspetti kollha tal-vjolenza domestika. Dan jinkludi forom psikoloġiċi ta' vjolenza, bħat-tneiss fil-vittma - spiss fuq perijodu ta' żmien twil - ta' sentimenti ta' biża', nuqqas ta' setgħa, inferjorità. Dan jinkludi wkoll forom ta' vjolenza ta' natura sesswali, li spiss jesperjenzaw il-vittmi u li huma partikolarment umiljanti u trawmatiċi.

⁷ F'konformità mar-Regolament 606/2013 jew id-Direttiva 2011/99/UE, rispettivament.

11. Minkejja l-progress li nkiseb s'issa, hemm differenza sinifikanti fis-servizzi ta' appoġġ fl-Istati Membri tal-UE u fosthom f'dawk li huma kapaċità, kwalità u distribuzzjoni ġeografika. Meta wieheh iqis l-isfidi mhux solvuti, ser ikunu meħtieġa aktar sforzi biex tiġi żgurata koordinazzjoni effettiva tas-servizzi ta' infurzar tal-liġi fl-immirar ta' programmi ta' prevenzjoni u taħriġ sistematiku dwar id-drittijiet u l-ħtiġijiet tal-vittmi għal uffiċjali tal-pulizija li jaħdmu mal-vittmi u ma' min iwettaq reati ta' vjolenza domestika u vjolenza fuq in-nisa.
12. Id-data amministrattiva – inkluż id-data tal-pulizija – ma tistax turi eżattament kemm teżisti (il-prevalenza ta')vjolenza domestika u vjolenza fuq in-nisa peress li fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, il-vittmi ma jirrapportawx dawn l-inċidenti lill-pulizija. Il-ġbir ta' data amministrattiva hu importanti bħala mezz kif tiġi rreġistrata l-informazzjoni dwar ir-rispons tal-istat għal din il-vjolenza; b'mod partikolari, l-evalwazzjoni tal-politiki biex jiġġilduha. Il-ħtieġa ta' data amministrattiva ta' kwalità għolja hi konformi wkoll mal-impenji internazzjonali tal-Istati Membri li jiġġieldu l-vjolenza fuq in-nisa, kif definit fid-Direttiva 2012/29/UE dwar id-Drittijiet tal-Vittmi u fil-Konvenzjoni ta' Istanbul. Il-bażijiet ta' data nazzjonali jiġu ġestiti mill-awtoritajiet kompetenti, inkluż il-pulizija f'22 Stat Membru.⁸
13. Il-vjolenza ċibernetika fuq in-nisa u l-bniet hi forma ta' vjolenza fuq in-nisa li qed tikber rapidament, b'konsegwenzi ekonomiċi u soċjali potenzjalment sinifikanti. Il-fenomeni hu saħansitra inqas irrappurtat, inqas hemm rispons għalih, u inqas magħruf mill-vjolenza fil-ħajja reali, iżda jistħoqqlu attenzjoni speċjali, fil-kuntest ukoll tal-kriminalità ċibernetika bħala waħda mill-prijoritajiet fiċ-Ċiklu ta' Politika ġdid għall-2018-2021.
14. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri waqqfu unitajiet speċjalizzati jew ħatru prosekuturi pubbliċi biex jiġġieldu l-vjolenza domestika fi ħdan l-istrutturi tagħhom, u dan għandu ċerti vantaġġi bħall-organizzazzjoni aktar effettiva tal-prevenzjoni, is-sejbien u l-investigazzjoni ta' atti vjolenti.
15. Ta' min ifakkar li l-ebda forma ta' vjolenza domestika u vjolenza fuq in-nisa ma tista' tiġi ġustifikata, u lanqas ma tista' tiġi evitata l-prosekuzzjoni ta' min iwettaq ir-reat, abbażi ta' drawwiet, tradizzjonijiet, kulturi jew reliġjonijiet differenti.

⁸ L-Awstrija, il-Belġju, il-Kroazja, Ċipru, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Ungerija, l-Irlanda, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja u r-Renju Unit

16. In-nisa migranti, refuġjati u dawk li jfittxu l-asil u t-tfal tagħhom qegħdin saħansitra f'riskju akbar li jisfaw vittmi ta' vjolenza, minħabba l-istatus inċert tagħhom u s-sitwazzjoni spiss diffiċli li jgħixu fiha. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri ġeneralment jipprovdu l-istess livell ta' ħarsien lil dawn il-gruppi vulnerabbli, filwaqt li jippruvaw iqisu l-fatt li raġunijiet reliġjużi, tradizzjonali jew lingwistiċi spiss ixekklu l-aċċess tagħhom għal dawn is-servizzi.
17. L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL) diġà qed tagħti taħriġ fil-prevenzjoni u l-ħarsien tan-nisa mill-vjolenza domestika, iżda l-iżviluppi attwali jeħtieġu eżami tal-possibbiltajiet li dawn jikbru fl-oqsma tal-vjolenza ċibernetika fuq in-nisa u l-bniet u tan-nisa migranti, refuġjati u dawk li jfittxu l-asil u t-tfal tagħhom.
18. Għadd kbir ta' Stati Membri stabbilixxew mekkaniżmi għall-interazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u istituzzjonijiet governattivi u organizzazzjonijiet mhux governattivi oħra, kif ukoll proċeduri ta' valutazzjoni tar-riskju jew għodod biex ikejlu r-riskju għall-ħajja u s-saħħa tal-vittmi ta' vjolenza domestika.
19. Filwaqt li l-obbligu ġenerali fuq uffiċjali tal-pulizija fl-ewwel linja li jipprovdu informazzjoni u għajjnuna meħtieġa lill-vittmi tal-vjolenza domestika hu stabbilit sew fl-Unjoni kollha, xi wħud mill-Istati Membri introduċew forom strutturati u proattivi ta' informazzjoni bħal din, bħall-fuljetti (xi drabi multilingwi) dwar is-servizzi ta' appoġġ u l-miżuri ta' ħarsien disponibbli, kif ukoll id-drittijiet tal-vittmi u l-kompetenzi rilevanti tal-pulizija.
20. Jidher li s-segwitu mill-awtoritajiet pubbliċi ta' miżuri ta' ħarsien differenti jvarja ferm madwar l-Unjoni. Filwaqt li ħafna Stati Membri jagħtu dan il-kompitu lill-awtoritajiet ġudizzjarji, xi Stati Membri pprevedew kuntatt frekwenti bejn vittmi tal-passat jew attwali u l-uffiċjali tal-pulizija li jaħdmu qrib ħafna tagħhom, li jista' jkunu ta' benefiċċju kemm f'termini ta' reazzjonijiet rapidi għal ksur potenzjali kif ukoll ta' aktar fiduċja bejn il-vittmi u l-awtoritajiet pubbliċi. Dan konsegwentement jaf iwassal għal rappurtar aħjar tal-każijiet ta' vjolenza domestika.

21. Il-ħolqien ta' punti ta' kuntatt Nazzjonali għal kwistjonijiet marbuta mal-ġlieda kontra l-vjolenza domestika jista' jikkontribwixxi għal trattament aktar effettiv ta' dan il-fenomeni. Fejn xieraq, l-awtorità kompetenti rilevanti, f'konformità mal-istrutturi u l-leġislazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri għandha tinħatar bħala punt ta' kuntatt nazzjonali. Dawn il-punti ta' kuntatt nazzjonali jistgħu jagħtu informazzjoni dwar il-forom kollha ta' vjolenza domestika u vjolenza fuq in-nisa rilevanti għal ħarsien effiċjenti tal-vittmi fit-territorju ta' Stati Membri oħra. Il-punt ta' kuntatt nazzjonali jista' jiġi kkuntattjat f'każijiet fejn vittma tal-vjolenza domestika u vjolenza fuq in-nisa minn wieħed mill-Istati Membri tivvjaġġa lejn Stat Membru ieħor u jkun hemm riskju jew theddid li jitwettaq att vjolenti ġdid fit-territorju tat-tieni Stat Membru, jew meta din it-tip ta' vjolenza tkun diġà twettqet. L-iskambju ta' informazzjoni bejn il-punti ta' kuntatt nazzjonali għandu jippermetti reazzjoni immedjata mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tat-tieni Stat Membru u valutazzjoni effettiva tar-riskju tas-sitwazzjoni vjolenti.
22. F'żona ta' moviment ħieles tal-persuni, kooperazzjoni transfruntiera tal-pulizija hi ferm siewja f'każijiet fejn l-ordnijiet ta' restrizzjoni u l-miżuri ta' ħarsien għandhom jiġu implimentati barra mill-pajjiż, f'konformità mal-leġislazzjoni nazzjonali tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni.

IL-KUNSILL U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNJIET TAL-ISTATI MEMBRI TAL-UNJONI EWROPEA

JAPPELLAW lill-Kummissjoni Ewropea biex:

1. Tappoġġa l-azzjonijiet tal-Istati Membri, bħat-taħriġ għal uffiċjali tal-pulizija biex jappoġġaw lil nisa vittmi tal-vjolenza, u jippromwovu l-ugwaljanza bejn is-sessi permezz ta' finanzjament disponibbli fil-programmi rilevanti fis-seħħ.
2. Tiegħu azzjoni jekk meħtieġa skont il-Miżura E tal-Anness għar-Risoluzzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Ġunju 2011 dwar Pjan direzzjonali għat-tisħiħ tad-drittijiet u l-ħarsien tal-vittmi, b'mod partikolari fi proċedimenti kriminali, sabiex issaħħaħ, skont id-Dikjarazzjoni 19 dwar l-Artikolu 8 TFUE, id-drittijiet tan-nisa bħala vittmi tal-vjolenza domestika għal protezzjoni minn vittimizzazzjoni ripetuta.

IL-KUNSILL U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNJIET TAL-ISTATI MEMBRI TAL-UNJONI EWROPEA

JAPPELLAW lill-Istati Membri, f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tagħhom, biex:

1. Ikomplu jiżviluppaw, jimplimentaw u jtejbu l-mekkaniżmi koordinati multidixxiplinari eżistenti, li għandhom l-għan li jiġġieldu l-vjolenza domestika u l-vjolenza fuq in-nisa permezz tal-prevenzjoni, il-kxif, l-investigazzjoni u l-ħarsien li jwettqu l-awtoritajiet tal-pulizija.
2. Itejbu l-identifikazzjoni ta' każijiet marbuta ma' kull forma ta' vjolenza domestika, kif ukoll il-għbir u t-tixrid mill-awtoritajiet tal-pulizija kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll tal-UE ta' data statistika komparabbli, affidabbli u aġġornata regolarment dwar il-vittmi ta' u min iwettaq kull forma ta' vjolenza domestika u vjolenza fuq in-nisa, maqsuma skont is-sess, l-età u r-relazzjoni bejn il-vittma u min wettaq ir-reat, filwaqt li jaħdmu f'kooperazzjoni mal-uffiċċji Ewropej u nazzjonali tal-istatistika kif ukoll biex jappoġġaw ir-riċerka u l-iskambju ta' prattika tajba f'dan il-qasam.
3. Jiżguraw l-applikazzjoni korretta u konsistenti tal-leġislazzjoni eżistenti tal-UE biex iħarsu u jappoġġaw lill-vittmi tal-vjolenza domestika, inkluż id-Direttiva 2012/29/UE u r-regoli tal-UE dwar ir-rikonnoxximent ta' ordnijiet ta' ħarsien, kif jinsabu fir-Regolament 606/2013 u d-Direttiva 2011/99/UE.
4. Jitgħallmu mill-esperjenza tal-forzi tal-pulizija ta' wħud mill-Istati Membri fil-qasam tal-informazzjoni strutturata dwar is-servizzi ta' appoġġ u l-miżuri ta' ħarsien, inkluż il-prevenzjoni tal-vittimizzazzjoni mill-ġdid u ċ-ċiklu ta' vjolenza, disponibbli għall-vittmi tal-vjolenza domestika.
5. Isaħħu t-taħriġ xieraq għall-professjonisti rilevanti fl-awtoritajiet tal-pulizija li jieħdu ħsieb il-vittmi u min iwettaq kull att ta' vjolenza domestika u vjolenza fuq in-nisa, u fejn rilevanti, u skont il-liġi u l-prattiki nazzjonali, isaħħu l-unitajiet jew il-programmi tal-pulizija, u task forces li jieħdu ħsieb il-vittmi tal-atti kollha ta' tali vjolenza.
6. Iżidu l-għarfien u jimplimentaw miżuri fl-istrutturi tal-pulizija biex jitrattaw il-vjolenza ċibernetika fuq in-nisa u l-bniet u t-theddida li din qed toħloq. Jadottaw miżuri ta' prevenzjoni u jqajmu kuxjenza f'forma ta' taħriġ sensitiv, b'rabta mal-ugwaljanza bejn is-sessi dwar il-vjolenza ċibernetika, għall-awtoritajiet tal-pulizija.

7. Itejbu l-kooperazzjoni transfruntiera tal-pulizija billi jaħtru, fejn xieraq, awtorità rilevanti f'konformità mal-istrutturi u l-leġislazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri, bħala punt ta' kuntatt nazzjonali. Il-punti ta' kuntatt nazzjonali jistgħu jipprovdi skambju f'waqt ta' informazzjoni dwar it-tipi kollha ta' vjolenza domestika u vjolenza fuq in-nisa u t-tfal tagħhom sabiex jinholq mekkaniżmu effettiv għall-iskambju ta' informazzjoni rilevanti għall-ħarsien effiċjenti tal-vittmi fit-territorju ta' Stati Membri oħra. Dan jinkludi wkoll każijiet meta vittma ta' vjolenza domestika u vjolenza fuq in-nisa minn wieħed mill-Istati Membri tkun qed tivvjaġġa lejn Stat Membri ieħor u jkun hemm riskju jew theddida li jitwettaq att vjolenti għid fit-territorju tat-tieni Stat Membru, jew meta din il-vjolenza tkun diġà twettqet.

IL-KUNSILL U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNJIET TAL-ISTATI MEMBRI TAL-UNJONI EWROPEA

JAPPELLAW lis-CEPOL, f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tiegħu, biex:

1. Ikompli jiżviluppa, b'rabta mas-sitwazzjoni attwali fir-rigward tal-migrazzjoni, it-taqsimiet ta' taħriġ (pereżempju t-taqsimi online eżistenti "vjolenza sessista") dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza domestika, billi jindirizza aspetti oħrajn bħall-vjolenza ċibernetika fuq in-nisa u l-bniet u l-vjolenza fuq in-nisa f'ċentri ta' migranti, refuġjati u dawk li jfittxu l-asil u t-tfal tagħhom u jinkludi skambju tal-aħjar prattiki tal-pulizija fit-trattament ta' każijiet bħal dawn.
2. Jeżamina l-possibbiltà li jorganizza workshop jew webinar ad-hoc apposta dwar il-kwistjoni tal-vjolenza domestika u l-vjolenza fuq in-nisa għal professjonisti li jaħdmu ma' migranti, refuġjati u dawk li jfittxu l-asil u t-tfal tagħhom.
3. Meta jiżviluppa t-taħriġ tiegħu, jibni fuq il-provi miġbura mill-FRA u l-EIGE fir-rapporti regolari tagħhom, li jinkludu data dwar il-vjolenza domestika u l-vjolenza fuq in-nisa u t-tfal tagħhom f'ċentri ta' migranti u fost refuġjati u dawk li jfittxu l-asil.